MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

Seduta ta' l-10 ta' Settembru, 2004

Numru 214/2003

**Illum, 10 ta’ Settembru 2004**

**App Nru 214/03 (G)**

**Il-Pulizija**

**v.**

**Giuseppe Camilleri**

Il-Qorti:

Rat l-imputazzjonijiet migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Giuseppe Camilleri talli (**1**) fit-30 ta’ Marzu 2001 ghall-habta tas-7.00 ta’ filghodu u fix-xhur ta’ qabel f’Ghawdex ikkoltiva l-pjanta *Cannabis* bi ksur tal-Artikolu 8(c) tal-Kap. 101; u aktar (**2**) talli fl-istess hin, data, lok u cirkostanzi hawn fuq imsemmija, kellu fil-pussess tieghu il-pjanta *Cannabis*, kollha jew bicca minnha, bi ksur tal-Artikolu 8(d) tal-Kap. 101;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) tat-30 ta' Ottubru 2003 li permezz taghha dik il-Qorti sabet lil imsemmi Giuseppe Camilleri hati u kkundannatu sitt xhur prigunerija u mitejn lira multa (Lm200).

Rat ir-rikors ta' appell ta' Giuseppe Camilleri, minnu prezentat fil-11 ta' Novembru 2003, li permezz tieghu talab ir-revoka ta' l-imsemmija sentenza;

Rat l-atti kollha tal-kawza; semghet mill-gdid xi whud mix-xhieda u semghet ukoll lid-difensuri tal-partijiet fid-diversi udjenzi; ikkunsidrat:

L-aggravju ta' l-appellant hu, bazikament, li a bazi tal-provi li kellha quddiemha l-ewwel Qorti huwa ma seta qatt jinstab hati tal-imputazzjonijiet kif dedotti kontra tieghu. B'mod partikolari l-appellant jilmenta hekk:

***"Illi l-istess Qorti, fid-decizjoni taghha, irrimarkat li ghandha dubju jekk dawn il-pjanti kienux tal-appellant anzi rrimarkat illi probabbilment dawn kienu tat-tifel tieghu, illum mejjet. Fuq dan id-dubju espress mill-Ewwel Onorabbli Qorti l-appellant kellu jigi liberat."***

Din il-Qorti ezaminat bir-reqqa kollha, u aktar minn darba, il-provi migbura u mismugha mill-ewwel Qorti, u anke regghet semghet lil P.C. 1371 Alfred Grech u lil P.C. 1365 Joseph Piscopo biex jikjarifikaw xi affarijiet li setghu ma kienux cari bizzejjed fit-traskrizzjoni kif giet riprodotta fl-atti quddiem l-ewwel qorti. Il-kaz kollu prattikament jiddependi fuq id-deposizzjonijiet ta' dawn iz-zewg kuntistabbli li, skond ma ddeponew, raw lill-appellant javvicina fejn, skond huma, kien hemm mixtla tal-pjanti tal-*Cannabis*, jitfa' l-barmil, ghal darba jew darbtejn, fl-ispiera li kien hemm fil-vicin, u jdur bil-barmil madwar din il-mixtla. Jidher li l-ewwel qorti, fis-sentenza taghha, ukoll tat importanza konsiderevoli lid-deposizzjonijiet ta' dawn iz-zewg xhieda, tant li kkwalifikat id-deposizzjoni taghhom u xi provi ohra bhala "skjaccanti"[1]. Bid-dovut rigward lejn l-

[1] ***"Issa l-evidenza f'dan ir-rigward kontra l-imputat hija skaccjanti*** **[<u>recte</u>:** ***skjaccanti*]*billi hu gie osservat isaqqi x-xtieli f'dik il-mixtla f'Ta' Wied Biljun limiti Ghajnsielem fejn il-pulizija allestew osservazzjoni".***

ewwel qorti, il-provi huma proprju l-oppost ta’ skjaccanti, anzi huma nebuluzi ghall-ahhar. Jibda biex jinghad li mill-materjal kollu elevat (li l-pulizija kienu qed jikwalifikaw bhala li jikkonsisti fi xtieli jew bicciet minn xtieli tal-*Cannabis*) kien biss id-dokument 01 ASP 03 li instab li kien jikkonsisti f’weraq tal-*Cannabis* (ara r-relazzjoni ta’ l-Ispizjar Maro Mifsud, fol. 93 *et seq*, u specjalment fol. 100 fejn hemm il-konkluzjonijiet). Dan id-dokument huwa deskritt bhala “bicca pjanta misjuba f’Wied Baljun, Ghajnsielem, Ghawdex” (fol. 95), jikkorrispondi mad-dokument elevat minn P.C. 602 Jonathan Attard (ara relazzjoni a fol. 55), liema dokument jidher fir-ritratti Dokti 01 ASP 107 sa 109. Fil-pjanti u oggetti ohra kollha li gew elevati ma nstabux tracci jew fattizzi tal-*Cannabis*. Ghalhekk, bid-dovut rigward kemm lejn l-ewwel qorti (li semmiet dan il-fatt kwazi *en passant* fl-ahhar tas-sentenza taghha) kif ukoll lejn id-diversi ufficjali tal-pulizija li xehedu, kull asserzjoni maghmula li kien hemm aktar xtieli tal-*Cannabis* hija wahda gratuwita.

Huwa minnu li din il-pjanta wahda zghira kienet fl-inhawi fejn, skond l-imsemmija kuntistabbli 1371 u 1365, l-appellant kien qed jitlajja bil-barmil f’idejh; pero` ippressati biex ikunu aktar precizi dwar x’raw ezattament dawn iz-zewg xhieda (ara d-deposizzjonijiet taghhom quddiem din il-Qorti tal-4 ta’ Gunju, 2004) huma ammettew li effettivament lill-appellant ma rawhx isaqqi din il-pjanta – semghu il-barmil jinzel fl-ispiera, raw lill-appellant idur bil-barmil u, wara li intercettawh, raw li fejn kien hemm “il-pjanti” (inkluz, allura, dawk il-pjanti jew bicciet ta’ pjanti li ma jirrizultax li kienu tal-*Cannabis*) il-hamrija kienet imxarrba friska. Fic-cirkostanzi partikolari ta’ dan il-kaz, din il-Qorti mhix sodisfatta li din hija prova sodisfacenti li l-appellant kien ghadu kif saqqa il-pjanta Dokument 01 ASP 03. Wiehed ma jridx jinsa’ li il-gurnata kienet id-29 ta’ Marzu, u l-hin kien ghall-habta tas-seba’ ta’ filghodu, b’mod li mhux eskluz li jekk xi hadd kien saqqa’ dik il-pjanta (u postijiet ohra fil-madwar) qabel ma bdiet l-osservazzjoni da parti tal-pulizija fil-hamsa ta’ filghodu, l-art xorta wahda kienet ser tibqa’ niedja u “mxarrba friska”. A propositu ta’ dan il-punt il-Kuntistabbli 883 Paul Azzopardi (fol. 71 *et seq*), li mar fuq il-post wara li kien gie

kkuntattjat minn Grech u Piscopo, jghid hekk in kontro-ezami:

***"Nahseb illi fid-29 meta morna fl-ghassa u intercettat lill-imputat, ma nghidx li dawn iz-zewt xtieli [li kien ghad fadal fil-Wied] kienu ssaqqew. Anzi nghid ghal izjed precizjoni li ma nahsibx li gew misqija u f'dan ir-rigward ma nistax nghid."*** [2]

Anke ghad-diskors li allegatament qal l-appellant appena gie intercettat, hemm diskrepanzi inkwjetanti. Fl-ewwel deposizzjoni tieghu (fol. 24, 25), P.C. 1371 Alfred Grech jghid li appena hu u l-Kuntistabbli Piscopo infurmawh li kienu pulizija, l-appellant qalilhom "Jien innocenti, droga m'ghandix" (fol. 25). L-istess jghid P.C. Piscopo a fol. 30 – u cioe` li kif qalulu li kienu pulizija, huwa qalilhom "M'ghandix droga". Meta, pero`, dawn iz-zewg kuntistabbli regghu xehedu quddiem din il-Qorti (cioe` fi stadju ta' appell) huma t-tnejn uzaw l-espressjoni "Dik mhix tieghi" b'refernza ghad-diskors li qal l-appellant appena identifikaw ruhhom. Piscopo in partikolari jghid hekk:

***"Ahna ghidnielu li ahna Pulizija u wrejnieh l-I.D. Card, sewwa, u ghidnielu <u>li hu gie arrestat fuq dawk il-pjanti li kien hemm hemmhekk</u>. Minghalija dak li qalilna. Qalilna: "Dik mhix tieghi"."*** (fol.184, sottolinear ta' din il-Qorti)

Diskors, dan, li bhala reazzjoni ghal dak li jkun intqal minn haddiehor, ma jimplika ebda konsapevolezza li "il-pjanti" kienu "droga".

Issa, ghalkemm huwa veru li <u>bhala regola</u> din il-Qorti, bhala Qorti ta' appella u allura ta' revizjoni, ma tiddisturbax l-apprezzament tal-provi maghmul mill-ewwel qorti, f'dan il-kaz din il-Qorti ma tistax bis-serenita` mehtiega fi proceduri penali, tikkonferma l-konkluzzjoni milhuqa mill-ewwel qorti, u dan proprju ghax din il-Qorti hi tal-fehma li dik il-konkluzjoni ma kienitx wahda li dik il-qorti

[2] Fol. 73.

setghet ragjonevolment tasal ghaliha fic-cirkostanzi partikolari tal-kaz. Konsegwentement l-appell ser jigi milqugh.

Ghall-motivi premessi, tilqa' l-appell, thassar u tirrevoka s-sentenza appellata, u tillibera lill-appellant minn kull imputazzjoni, htija w piena.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------